Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm

Pjazza San Luqa, Gwardamangia
Tel: 21234767, 22066209, 79307307
email: nbts@gov.mt
website: www.blood.gov.mt
facebook: www.facebook.com/bloodmalta

15 ta' Ottubru 2013

Għażiż Resident

L-Għoti tad-Demm f'Għawdex ħa xejriet pożittivi ferm f'dawn l-aħħar snin, tant li għal sena wara l-oħra d-donazzjoniet tad-demm baqgħu dejjem jiżdiedu b'ritmu tajjeb ferm.

Waqt li dawn ix-xejriet ikkonfermaw il-ġenerożità tal-Għawdxin u l-impenn tagħhom biex jagħtu d-demm, urew ukoll li hemm bżonn tibdil ta' meta jsir l-għoti tad-demm f'Għawdex. Dan jidher min-numru żgħir ta' għotjiet li jsiru fil-jiem ta' matul il-ġimgħa meta mqabbel man-numru kbir ferm ta' persuni li jmorru jagħtu fil-Ħdud.

Wara l-analiżi ta' dawn ix-xejriet, kif ukoll fuq talbiet kostanti mid-donaturi tad-demm, f'Għawdex ġie deċiż li bħala l-ewwel pass, l-għoti tad-demm fil-jiem ta' matul il-ġimgħa jispiċċa, u tiżdied il-frekwenza tal-għoti tad-demm fil-Ħdud ta' matul is-sena.

Imma fuq kollox, iċ-Ċentru għall-għoti tad-demm f'Għawdex ħaqqu rinovazzjoni sħiħa għall-benefiċċju kemm ta' dawk li jmorru jagħtu d-demm, u wkoll għall-*health care professionals* li jaħdmu fih.

Huwa għalhekk li fil-ġejjieni qrib se jsir ċentru ġdid li jixraq lill-Għawdxin, kif ukoll li jkun fuq livell Ewropew. Barra minn hekk, fid-dawl li l-lok preżenti kien wasal għal rinovazzjoni sħiħa, kif ukoll għax inħass il-bżonn li dan is-sit jintuża għal proġett t'importanza għall-Għawdxin u l-Maltin, b'responsabbiltà kbira ttieħdet id-deċiżjoni li ċ-Ċentru preżenti jagħlaq il-bibien tiegħu fl-aħħar ta' Ottubru.

Għalhekk mit-3 ta' Novembru li ġej 'il quddiem, l-għoti tad-demm f'Għawdex se jibda jsir fil-bini tad-Dipartiment tal-*Outpatients*. Fil-bidu, dan se jibda jsir Ħadd Iva u Ħadd Le, u l-frekwenza tiġi aġġustata skont l-esiġenzi tad-donaturi Għawdxin. Dan jista' jinkludi żieda fl-għadd ta' Ħdud disponibbli, kif ukoll fl-organizzjoni ta' sessjonijiet żejda għall-għoti tad-demm fi stabbilimenti kummerċjali, każini u kunsilli lokali. Eżempju ta' dan ser tkun is-sessjoni ta' għoti ta' demm li ser issir nhar Il-Ħadd 10 ta' Novembru fis-Sala San Pietru u San Pawl organizzata mill-Kunsill Lokali tan-Nadur. Ser ikun possibbli wkoll li jsir għoti tad-demm fil-jiem ta' matul il-ġimgħa f'sessjonijiet speċifiċi organizzati minn kumpaniji privati u għaqdiet volontarji.

Waqt li napprezza li tifhem li dan it-tibdil se jkun għall-benefiċċju tiegħek (sew jekk int donatur tad-demm, kif ukoll jekk fi ħsiebek li tibda tagħti), finalment se jkun għall-ġid tal-pazjenti fl-isptarijiet tal-Gżejjer Maltin.

**Inselli għalik.**

Dr. Alex Aquilina
Tabib Responsabbli mis-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm

Iktar tagħrif dwar l-għoti tad-demm jista' jinkiseb mill-fuljett mehmuż **(il-ġranet u l-ħinijiet indikati għal Għawdex japplikaw sat-30 ta' Ottubru 2013)**, kif ukoll mis-siti elettroniċi u numri tat-telefon li hemm fuqu. Aġġornament dwar l-għoti tad-demm f'Għawdex ser jibqa' jasal bil-mezzi tas-soltu, fosthom b'SMS direttament lid-donaturi eżistenti.